**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Albert Borg**

**Kumpilazzjoni 680 / 2018**

**Illum 8 ta' Jannar 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Albert Borg** detentur tal-karta ta' l-identita Maltija bin-numru 838147(M)u huwa akkuzat talli nhar is-17 ta' Mejju 2017 ghal-habta tad-9:00 ta' filghodu f' San Pawl il-Bahar:

1. B' nuqqas ta' hsieb , bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghek jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkagunajt il-mewt ta' Dennis Reid Monaghan bi ksur tal-Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba tikkunsidra lil Albert Borg bhala recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat :**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat artikoli 225(1), 49 u 50 ta-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta , kif ukoll wara li semghet l-ammissjoni tal-imputat, taghti il-liberta` kkondizzjonata ghall tlett (3) snin mil-lum, skont Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**